

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-24 ta' Lulju 2012

li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni ta' Banka Slovenije

(2012/444/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll (Nru 4) dwar l-Istatuti tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni BĊE/2012/9 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-1 ta' Ġunju 2012 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni ta' Banka Slovenije ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema għandhom jiġu vverifikati minn awdituri esterni indipendenti li jkunu ġew rakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-mandat tal-awdituri esterni attwali ta' Banka Slovenije jintemm wara l-verifika għas-sena finanzjarja 2011. Huwa għalhekk meħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2012.
- (3) Banka Slovenije għażel lil Deloitte revizija d.o.o. bħala l-awditur estern tiegħu għas-snin finanzjarji mill-2012 sal-2014.
- (4) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rrakkomanda li Deloitte revizija d.o.o. tinħatar bħala l-awditur estern ta' Banka Slovenije għas-snin finanzjarji mill-2012 sal-2014.

- (5) Huwa xieraq li tiġi segwita r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE u li tiġi emendata d-Deċiżjoni 1999/70/KE ⁽²⁾ kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 1(13) tad-Deċiżjoni 1999/70/KE huwa sostitwit b'dan li ġej:

"13. Deloitte revizija d.o.o. hija b' dan approvata bħala l-awditur estern ta' Banka Slovenije għas-snin finanzjarji mill-2012 sal-2014."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fil-jum tan-notifika tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Lulju 2012.

*Għall-Kunsill**Il-President*

A. D. MAVROYIANNIS

⁽¹⁾ ĠU C 161, 7.6.2012, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69.